MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 33/2009

APS Bank Limited .

vs

Charlie Cordina .

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat, tal-bank attur, li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

1. Illi l-intimat Charlie Cordina huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u disgħin elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin Euro u tnejn u disgħin Euro ċenteżmu (Euro 95,877.92), dovuta minnu lis-soċjeta' mittenti, u rappreżentanti in kwantu wieħed u disgħin elf, ħames mija u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin Euro ċenteżmu (Euro 91590,77) bilanċ dovut fuq il-kont *Apus* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, erbgħa, disgħa, sebgħa, sebgħa, tmienja, tnejn (20000497782) (*kopja*

*hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A)* u in kwantu għal erbgħa t'elef, mitejn u sebgħa u tmenin Euro u ħmistax-il Euro ċenteżmu (Euro 4,287.15) bilanċ dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, sitta, xejn sitta, wieħed, sitta, tnejn (20000606162) (*kopja annessa u mmarkata bħala Dokument B),* oltre l-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' diċembru, 2008 sal-pagament effettiv.

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-intimat lis-soċjeta' rikorrenti u fil-fehma ta' l-istess soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi, fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi, l-intimat m'għandu ebda eċċezzjoni x'iressaq kontra t-talba tal-ħlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-soċjeta' rikorrenti, inkluż b'ittra uffiċjali ddatata 13 ta' Marzu 2009, (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C* huwa baqa' inadempjenti;

4. Illi s-soċjeta' rikorrenti qed tintavola Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat;

5. Illi r-rappreżentanta tas-soċjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandux jiġi kundannat minn din il-Qorti :

1. sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' ħamsa u disgħin elf, tmien mija u sebgħa u sebgħin Euro u tnejn u disgħin Euro ċentezmu (Euro 95,877.92), dovuta minnu lis-soċjeta' mittenti, u rappreżentanti in kwantu wieħed u disgħin elf, ħames mija u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin Euro ċenteżmu (Euro 91,590.77) bilanċ dovut fuq il-kont *Aplus* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn , erbgħa, disgħa, sebgħa, sebgħa, tmienja, tnejn (20000497782) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A)* u in kwantu għal erbgħa t'elef, mitejn, u sebgħa u tmenin Euro u ħmistax-il Euro ċenteżmu (Euro 4.287.15) bilanċ dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-

numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, sitta, xejn, sitta, wieħed, sitta, tnejn (20000606162) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B*), oltre l-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru, 2008 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali ddatata 13 ta' Marzu 2009 u tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u bl-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li huwa mil-lum inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors ġuramentat u cioe' bħala :

Dokument A, kopja tar-rendikont bankarju tal-kont *Aplus* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, erbgħa, disgħa sebgtħa, sebgtħa, tmienja, tnejn (20000497782)

Dokument B, kopja tar-rendikonet tal-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, sitta, xejn, sitta, wieħed, sitta, tnejn (20000606162);

Dokument C, kopja ta' l-ittra Uffiċjali datata 13 ta' Marzu, 2009 mibgħuta lill-intimat Charlie Cordina.

Semgħet Josianne Gauci, in rappreżentanza tal-bank attur, tikkonferma illi l-ammont mitlub fir-rikors ġuramentat għadu sal-lum kollu dovut,

Rat ukoll ir-riferta' pożittiva tal-konvenut Charlie Cordina, illi ġie notifikat sew b'dan ir-rikors fis-27 ta' April 2009, kif ukoll bl-appuntament tas-smiegħ tal-kawża, fl-istess ġurnata. Innutat illi l-istess konvenut, debitament insejjah, naqas illi jidher fl-istess ġurnata.

2. Il-Qorti ghal hekk, u peress li jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikat, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lill-intimat Charlie Cordina, ihallas is-socjeta' rikorrenti, is-somma ta' ħamsa u disgħin elf, tmien mija u sebgha u sebgħin euro u tnejn u disgħin euro centeżmu (Euro 95,877.92) dovuta minnu lis-soċjeta' mittenti, u rappreżentanti in kwantu wieħed u disgħin elf, ħames mija u disgħin Euro u sebgħa u sebgħin Euro ċenteżmu (Euro 91,590.77) bilanċ dovut fuq il-kont *Aplus* numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn , erbgħa, disgħa, sebgħa, sebgħa, tmienja, tnejn (20000497782) u in kwantu għal erbgħa t'elef, mitejn, u sebgħa u tmenin Euro u ħmistax-il Euro ċenteżmu (Euro 4.287.15) bilanċ dovut fuq il-kont *Interest Disposal* bin-numru tnejn, xejn,

xejn, xejn, xejn, sitta, xejn, sitta, wieħed, sitta, tnejn (20000606162), u oltre l-imgħax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Diċembru, 2008 sad-data tall-pagament effettiv.
Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 13 ta' Marzu 2009 u tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ppreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u bl-imgħax ulterjuri kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------